MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2009

Numru 438/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**Versus**

**Carmel Borg u**
**John Borg**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra:

a) Carmel Borg ta’ 48 sena bin Philip u Carmen nee Sammut, imwieled Żebbuġ nhar it-8 ta’ Awwissu 1957 u li joqgħod Last Stage Triq Giovanni Pullicino Żebbuġ detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 565057.

u

b) John Borg ta’ 56 sena bin Philip u Carmen nee Sammut, imwieled Żebbuġ nhar it-23 ta’ Jannar 1950 u li joqgħod BJ’s Triq il-Mitħna, Żebbuġ, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 185450 (M)

Akkużati talli:

a) nhar it-8 ta’ Frar 2006 u fil-ġranet ta’ qabel fi Triq il-Mitħna Żebbuġ, Malta, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ħsara fil-parapett tal-propjeta’ ta’ Ġużeppi Marija Farrugia, liema ħsara tiskorri l-valur ta’ ħamsin lira Maltija (Lm500 imma mhux il-valur ta’ ħames mitt lira Maltija (Lm500);

b) u aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ħsieb li jisirqu jew jagħmlu ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex jeżerċitaw jedd li jippretendu li għandhom fixklu lil Ġużeppi Marija Farrugia fil-pussess ta’ ħwejġu u ħattew bini u daħlu fi ħwejjeġ ħaddieħor;

ċ) u aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi kkommettew dħul b’abbuż fil-propjeta’ ta’ Ġużeppi Marija Farrugia b’wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 264 u 266 meta fiċ-ċirkostanzi kien jidher li l-ħsieb tagħhom kien li jagħmlu ħsara lill-propjeta’;

d) u aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, bi ħsara tas-sid tal-propjeta’ ta’ Ġużeppi Marija Farrugia, għamlu vjolazzjoni kontra l-propjeta’ tal-kwerelant;

2. Il-Qorti ntalbet ukoll biex f’każ ta’ ħtija, tipprovdi għas-sigurta’ ta’ Ġużeppi Marija Farrugia skond l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputati sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-fedini penali tal-imputati, iċ-ċertifikati tat-twelid bin-numri 1854 tal-1950 u 5650 tal-1957, l-istqarrijiet taż-żewġ imputati (fol 17 -21), l-istima tal-ħsarat magħmula mill-Perit Charles Buhagiar, il-kwerela mibgħuta mill-

Avukat Dr.Gavin Gulia għan-nom ta’ Joseph Garrugia, il-current incident report (fol.40) u d-dokument AF1 a fol.47.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

6.Skond ix-xhieda tal-ispettur Jesmond J. Borg, fit-8 ta’ Frar 2006, Ġużeppi Maria Farrugia (ID 182938) kien infurmahom li xi ħadd kien waqqagħlu l-boundary wall tal-front garden tiegħu. Kienu kissrulu l-injam li kien hemm fil-front garden kif ukoll qalgħulu siġra. L-informant semma tliet persuni li kellu xi jgħid magħhom. Ċertu Tuse’ Borg (ħu l-imputati) kien biegħ il-garaxx lil Ġużeppi Maria Farrugia u dan kien qed jippretendi li l-front garden kien tiegħu. L-imputati kienu kitbu lil Ġużeppi Maria Farrugia bl-avukat tagħhom iżda dan qatt ma weġibhom. L-imputati kienu ddeċidew li jwaqqgħu l-materjal għal ġol-ħamrija. Huma nnegaw li kienu kissru l-materjal għaliex huma kienu qalbuh biss. L-Ispettur kien irċieva stima tal-ħsara li kienet tammonta għal Lm50 (€116.5). Skond stima tal-Perit Charles Buhagiar iddikjara li l-ħsara kienet tammonta għal Lm330 (€768). Il-ħsara kienet fil-‘fencing’ jekk wieħed seta’ jiddeskrivih hekk.

7. Mill-istqarrija ta’ Carmel Borg jirriżulta li l-imputat insista li l-art hija tiegħu għaliex il-garaxx li ien biegħ ħuh Toussaint ma kienx jinkljudi l-front garden. Xi xahrejn qabel l-inċident Ġużeppi Farrugia kien qabad u tella’ xi njam fuq iċ-ċint ta’ dan il-front garden. L-imputat kien baġħat ittra bl-avukat lil Ġużeppi Farrugia iżda risposta ma rċeviex. Imbagħad kien kellem lil ħuh John u qabdu l-injam li kien tella’ Ġużeppi FArrugia u tefgħuh fil-front garden. Huwa nnega li kienu kissru l-injam kif ukoll li ma kienx jaf jekk il-kwerelant kienx rebaħ xi kawża fil-Qorti.

8. Mill-istqarrija ta’ John Borg jirriżulta li, skond dan l-imputat, s-siġra li kien hemm fl-art in kwistjoni kien qaċċatha Ġużeppi Maria Farrugia stess. Huwa qal ukoll li dik il-biċċa art ma kenitx inbiegħet mal-garaxx. L-imputat kien bagħat ittra lill-kwerelant biex joħroġ minn dik il-parti

għaliex din ma kenitx tiegħu. L-imputat qal li meta ntebaħ li ma kien hemm sinjal ta' bidla, hu u ħuh kienu ddeċidew li jmorru jneħħu l-injam kollu u poġġewh fil-front garden stess. Kienu neħħew ix-xatba li kien għamel. L-imputat qal ukoll li ma kienx jaf b'xi kawża ċivili l-Qorti għax lilu qatt ma tellgħu. L-imputat kien innega li kien sar xi tkissir. Il-kwerelant kellu żewġ pallets biss u l-imputat 'l-injam' kien poġġihulu wara biebu.

9. Xehed Ġużeppi Farrugia li qal li l-imputati kienu waqqgħulu l-ħajt minħabba li dawn qalu li dak l-imkien kien tagħhom. Huwa qal lid an il-front garden kien xtrah 27 sena qabel u dejjem kien jużah. Fih kien hemm siġra tal-ħawh li l-imputati kienu kissru. Kien tella' l-injam madwar il-ħajt u mbagħad sab kollox maqlub.

10. PS 487 Rueben Balzan esibixxa r-rapport li kien għamel Ġiżewppi Farrugia.

11. Dr.Anton Felice ippreżenta kopja ta' kuntratt li kien sar bejn Tuse' Borg u Ġuċeppi Maria Farrugia fit-3 ta' Lulju 1980.

12. Id-difiża ddikjarat li ma kellhiex xhieda (Fol.51)

13. A fol.54 il-Prosekuzzjoni kkonfermat li x-xogħlijiet li kellhom isiru biex jissewwew il-ħsarat saru. (Seduta tat-3 ta' Ottubru 2008).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

14. Mill-istqarrijiet magħmula mill-imputati jirriżulta li huma kellhom tilwima mal-kwerealnt dwar min kine tassew sid tal-parti msejħa 'front garden'. Mill-istqarrijiet innifishom jirriżulta li kull wieħed mill-imputati (għax kull stqarrija tgħodd biss għal min ikun għamilha u mhux kontra min jissemma fiha) kien mar fuq il-biċċa art in kwistjoni u neħħa l-injam u l-knaten li kien hemm.

15. L-istqarrijiet weħidhom huma l-aqwa prova li l-imputati huma ħatja taħt la-rtikolu 85 tal-Kap 9 (ragion fattasi) għaliex l-għemil tagħhom għandu l-erba' elementi li

jirrikjedi dan l-aritkolu (Ara 'Il-Pulizija versus Professur Henry Frendo deċiża mill-S.T.O Dr.Vincent Degaetano) fejn intqal li dan ir-reat jissussisti jekk:

(i) Ma jkunx hemm l-intenzjoni li jisraq jew li jagħmel ħsara volontarja;
(ii) l-eżerċizzju ta' dritt pretiż
(iii) bl-awtorita' tiegħu
(iv) jiddisturba l-pussess ta' oġġett ta' ħadd ieħor jew li jkisser xi bini

16. Il-Prosekuzzjoni ġabet l-aħjar prova li setgħet iġġib: il-kuntratt tan-Nutar u dan kien ġuramentat. Huwa prova li l-kwerelant kien xtara l-garaxx. U hawn jidher ir-raba' element ta' dan ir-reat fl-intier tiegħu għaliex kien hemm tal-inqas id-disturb tal-pussess ta' xi ħaġa li kienet tal-imputat. Mill-provi joħorġu wkoll it-tliet elementi l-oħra fosthom li ż-żewġ imputati, bl-awtorita' tagħhom, u biex jeżerċitaw dritt li ħasbu li għandhom u mingħajr ma kellhom l-intenzjoni li jaġġmlu ħħsara volontarja neħħew dak li kien bena l-kwerelant. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputati ħatja tat-tieni imputazzjoni.

17. Dwar l-ewwel imputazzjoni l-Qorti ser tagħmel dawn iż-żewġ osservazzjonijiet. L-ewwelnett l-istima tal-Perit Buhagiar qatt ma kienet ikkonfermata mill-Perit stess. Għalhekk m'hemmx l-aħjar prova ta' kemm kienu l-ħsarat.

18. Iżda barra minn hekk l-artikolu 325 tal-Kap 9 jirrikjedi li d-dannu jkun sar **dolożamen**t. Issa f'dan il-każ il-Qorti qed tirravviża li l-Prosekuzzjoni ppruvat it-tieni imputazzjoni iżda mhux l-ewwel waħda. Tassew li saret il-ħsara - għalkemm il-kwantum tagħha hemm dubju fuqha - iżda din saret mhux dolożament – element ewlieni fl-artikolu 325 – iżda mingħajr din l-intenzjoni. L-imputati aġixxew għax ħasbu li setgħu jieħdu l-liġi f'idejhom u dak li huma kkontendew li kien tagħhom jeħduh b'idejhom. Għaldaqstant il-Qorti qed tilliberhom mill-ewwel imputazzjoni għaliex m'hemmx l-element formali meħtieġ fl-artikolu 325. Barra dan, jekk mill-provi jissussisti ksur tal-artikolu 85ma jistax ikun hemm ksur tal-artikolu 325 għaliex l-elementi formali ta' dawn iż-żewġ reati ma

jsitgħux joqogħdu flimkien. Fl-aritkolu 325 l-intenzjoni doluża hija essenzjali waqt li fl-artikolu 85 in-nuqqas ta' dan l-istess element huwa dak li jagħti karatteristika speċjali lil dan l-artikolu.

19. Iż-żewġ imputazzjonijiet l-oħra jaqgħu taħt l-artikolu 330(a) tal-Kap 9 u fl-imputazzjonijiet jidhru l-kliem ' miċ-ċirkustanzi kien jidher li l-ħsieb tagħkom kien li taħgmlu ħsara lill-propjeta' (ara t-tielet imputazzjoni) u 'għamiltu vjolazzjoni kontra l-propjeta' tal-kwerelant'.

20. Kif intqal aktar 'il fuq ma jidhirx li l-imputati kellhom tali intenzjoni – jiġifieri li jagħmlu l-ħsara lill-propjeta' għax kellhom l-intenzjoni biss li jieħdu lura dak li kien tagħhom.

21. Għalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-imputati mit-tielet u mir-raba' imptuazzjoni.

**Konklużjoni**

22. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b), 85, 330(a) u 330 (b) tal-Kap 9, issib lill-imputati ħatja tat-tieni imputazzjoni u qed tilliberahom mill-ewwel, mit-tielet u mit-raba' imputazzjoni.

23. Stante li l-ħsara li twettqet tħallset, il-Qorti flok qed tikkundanna lill-imputati qed tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jagħmlu ebda reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------